**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 2 ta' Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Haber)**

**Vs**

**EMAD ELDIN MOHAMED AHMED ELSHOHBY**

**KUMP NRU 425/2010**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, EMAD ELDIN MOHAMED AHMED ELSHOHBY,** detentur tal-karta tal-identita 27203A, Passaport Egizzjon numru 248094**,** gie akkuzat talli fl-20 t' April 2010 u matul l-ahhar jiem f'dawn il-gzejjer;

1. impjegajt jew tajt xoghol lil persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Att tal-Immigrazzjoni tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghent jew assistejt persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U inti akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir go sit ta' kostruzzjoni tat-'Times' fl-

Imriehel by-pass impjegajt persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficcjali.

3. U aktar ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjegat persuni ohra, 'full-time', 'part-time', jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, inqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a u 10).

4. Kif ukoll nakkuzak talli rendejt ruhek recediv billi ghamilt delitt iehor fi zmien inqas minn hames snin minn sentenza tat-2 ta' Lulju 2009 (Mag. Dr. C. Scerri Herrera LL.D) li saret definittiva. (Kap. 9 Sec. 49, 50 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur jixhed bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

L-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikolu 32, tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 3, 7 u 10 tal-Avviz Legali 110 tal-1993, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif

dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena tal-multa fis-somma komplessiva ta' elf u mitejn Ewro (€1,200).

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur